26 ta' April, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Lia et. *versus* Peter Endrich

**Rahan — Serq — Każ Fortuwitu — Art. 2079(1), 2002, 2001, u 1175(1) tal-Kodiċi Ċivili**

*Il-kreditur iwieġeb għat-telf tar-rahan jew għall-ħsara li tiġri fiħ bi ħtija tiegħu. Għaldaqstant, id-debitur proprjetarju tar-rahan, għandu jipprova li sofra l-ħsara; u jekk il-kreditur irid jeżimi ruħu minn kull ħtija dwar il-konservazzjoni u restituzzjoni tar-rahan, għandu jipprova li l-ħsara jew telf tar-rahan ġraw mingħajr ħtija tiegħu.*

*Jekk il-kreditur ma jkunx jista' jirrestitwixxi l-oġġetti mirgħunin għaliex ġew lilu misruqa, u jiġi pruvat li huwa ma kellux ebda ħtija fis-serq, it-telf tar-rahan ibatieħ id-debitur, sid ir-rahan, bħala każ fortuwitu.*

*Id-diliġenza li l-kreditur pinjoratizju kellu juża fil-kustodja tar-rahan hija dik tal-"bonus pater familias", fis-sens illi huwa għandu jipprova li fl-għemil tiegħu ma naqasx li juża l-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, jiġifieri d-diliġenza ordinarja; b'mod li huwa jirrispondi għall-ħtija ljevi, u mhux ukoll għall-ħtija ljevissima. Għax il-ħtija ljevissima, kif interpretata mill-ġurisprudenza, ma tagħtix lok għad-danni.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-attriċi kienet tat bħala rahan l-oġġetti tad-deheb (dok. A) lill-konvenut fuq somma ta' £4 li hija kienet isselfet minn għandu, u aktar tard tagħtu b'titolu ta' rahan par buttuni tad-deheb biex isselfet minn għandu għaxar xelini (10s.) oħra; u billi l-konvenut naqas li jirrestitwixxi dawn l-affarijiet tad-deheb, li kienu għandu bħala rahan, avvolja l-attriċi kemm il-darba marret lura tħallas id-dejn

intier li kellha miegħu, u saħansitra bgħatitlu ittra uffiċjali għal dan l-iskop; talbu (1) li l-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti biex jirrestitwixxi lill-atturi fi żmien qasir u perentorju li tordnalu din il-Qorti, l-oġġetti ndikati fl-anness dok. "A", li jinsabu b'rahan fuq is-somma ta' £4.10.0 li l-konvenut kien silifhom, liema somma l-atturi huma lesti biex iħallsuh wara li l-konvenut jagħtihom lura d-deheb in kwistjoni; (2) u li, fin-nuqqas, il-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-atturi s-somma ta' £19, li tirrapprezenta l-valur tal-oġġetti tad-deheb mirgħuna, skond kalkolu ligħamlu l-atturi, jew somma oħra li tiġi fissata, jekk ikun bżonn, per mezz ta' perit nominat minn din il-Qorti, fil-waqt li l-atturi jagħtu lura s-somma ta' £4.10.0 lill-konvenut, liema somma huwa kien silifhom. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-7 ta' Mejju 1953, kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi d-deheb in kwistjoni kien ġie lilu misruq flimkien ma' oġġetti oħra fis-serqa li saret mid-dar tiegħu din is-sena;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx kuntrast dwar ir-rahan tal-oġġetti riferiti fiċ-ċitazzjoni, u għalhekk il-konvenut, skond il-liġi, huwa obligat li jikkonservahom u eventwalment jirrestitwihom lill-atturi, sidhom, meta dawn iħallsu s-somma mislufa fuq daq ir-rahan — ħlas li l-atturi huma pronti biex jagħmlu kif jidher mill-istess ċitazzjoni. Iżda l-konvenut iddikjara illi ma jistgħax jagħmel dik ir-restituzzjoni minħabba li dawk l-oġġetti ġew lilu misruqa, u sal-lum ma nstabux;

Illi, skond l-art. 2079(1) tal-Kodiċi Ċivili, il-kreditur iwieġeb għat-telf tar-rahan, jew għall-ħsara li tiġri fih bi ħtija tiegħu; minn dan jidher illi l-atturi, bħala debituri u proprjetarji tar-rahan, għandhom jippruvaw li sofrew il-

ħsara, fis-sens li r-rahan ma ġiex lilhom restiwit; iżda l-kawża ta' din il-ħsara obligat jippruvaha l-konvenut, biex jeżonera ruħu minn kull ħtija dwar il-konservazzjoni tar-rahan (Kollez. XXIV-II-635); u ladarba l-konvenut qiegħed jallega li r-rahan ġie lilu misruq, u kwindi qiegħed jinvoka favur tiegħu l-każ fortuwitu, il-piż ta' din il-prova, skond il-prinċipji ġenerali, jinkombi lilu (arg. art. 1176 u 1177, u art. 1250(3) Kod. Ċiv.) — liema prinċipji huma applikabbli anki għall-istitut tar-rahan (Baudry, Pegno §138; u Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital, art. 1885 §3);

Illi l-atturi għandhom favur tagħhom l-ammissjoni tal-konvenut li r-rahan mhux f'idejh għax misruq, u għalhekk tmiss lill-konvenut il-prova li s-serq sar, u li dan kien għalieħ, mhux biss imprevedibbli, imma anki inevitabbli (Kollez. XXXI-III-168);

Illi mill-provi prodotti jidher li l-oġġetti mirgħuna ġew misruqa fiż-żmien li kienu għadhom taħt il-kontroll tal-konvenut; u għalkemm l-atturi ma jidhrux persważi bis-serq, ma ġiebux provi suffiċjenti li jwasslu għal konklużjoni kuntrarja. Fid-dibattitu orali, però, l-atturi ssottomettew li, anki jekk l-oġġetti ġew misruqa, il-konvenut jibqa' dejjem responsabbli, għaliex huwa ma użax fil-konservazzjoni tagħhom id-diliġenza li kellu juża anki bħala depożitarju, jiġifieri id-diliġenza mhux "in astratto", imma "in concreto", daqs kemm kien jieħu fil-kustodja ta' ħwejġu (art. 2001 Kod. Ċiv.). Issa, apparti l-fatt li fil-ħanut fejn sar is-serq il-konvenut żamm anki oġġetti proprjetà tiegħu, li wkoll ġew misruqa, skond l-art. 2002 jingħad li d-dispożizzjoni tal-artikolu ta' qabel għandha tiġi applikata b'mod aktar sever, fost każi oħra, meta d-depożitu, kif inhu l-każ, ikun sar biss fl-interess tad-depożitarju u f'dan il-każ isir applikabbli l-art. 1175(1) Kodiċi ċitat, jiġifieri illi d-diliġenza li huwa kellu juża hija dik tal-"bonus pater familias" preveduta fl-art. 1075, fis-sens illi huwa fl-għemil tiegħu ma naqasx li juża l-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja; fi ftit kliem, id-diliġenza ordinarja, b'mod

li huwa jirrispondi biss għall-ħtija ljevi ("culpa laevis"), u mhux għall-ħtija ljevissima ("culpa laevissima"), li skond il-liġi tagħna, kif interpretata mill-ġurisprudenza (Kollez. IX, 672 u XXVII-I-125) ma tagħtix lok għar-riżarċiment tad-danni;

Illi mill-provi miġjuba rriżulta li s-serq in kwistjoni ma kienx prevedibbli u lanqas kien evitabbli, u għalhekk il-konvenut ma għandux jirrispondi għall-oġġetti misruqa. Xejn ma jiswa illi l-konvenut ħalla r-rahan f'kexxun jew vetrina mhux imsakkrin b'ċavetta; għaliex, apparti li min seraqhom kien jisgassa anki l-kexxun u l-vetrina, il-bieb ta' barra tal-ħanut mnejn insterqu kien fi stat tajjeb, u s-sokor tiegħu kien tajjeb ukoll (fol. 14). Biex il-ħalliel ippenetra fil-post, kellu jgħawweġ u jisforza l-katnazz li kien hemm, jaqilgħu minn ġo s-"socket" u jiskossa l-bieb (fol. 13 tergo u 23 tergo u 24 tergo; ara wkoll f'dan il-proċess verbal tal-Maġistrat fuq riferit). Ta' xejn l-atturi jippretendu li l-konvenut naqas billi ma raqadx fil-ħanut, jew li ħalla hemm l-oġġetti weħedhom matul il-lejl; ladarba l-bieb mnejn sar is-serq kien tajjeb anki fis-sokor tiegħu, il-konvenut uża d-diliġenza ordinarja meta ħalla l-oġġetti fil-ħanut; u jekk soltu hu kien jeħodhom id-dar tiegħu San Ġiljan fl-aħħar tal-ġimgħa, dana l-fatt jikkostitwixxi diliġenza massima, li l-atturi, fil-każ taħt eżami, ma jistgħux jippretendu mill-konvenut;

Illi, ladarba ma ġiex pruvat li għas-serq tal-oġġetti kkontribwixxa l-konvenut bil-ħtija tiegħu, is-serq jikkostitwixxi każ fortwitu; u għalhekk il-ħsara li ġrat ibatuha l-atturi, bis-saħħa tal-prinċipju "casus sentit dominus" sanċit fl-art. 1072 Kod. Ċiv.;

Illi, dwar il-kap tal-ispejjeż, il-Qorti tħoss li dan jimmerita temperament, minħabba kif żvolġew ruħhom iċ-ċirkustanzi, u speċjalment minħabba li l-konvenut naqas li jinforma lill-atturi bis-serq tar-rahan;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad it-talbiet tal-atturi, iżda l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa.